# IL-MISSJONIJIET

Ftit jiem oħra u niċċelebraw il-*Jum Dinji tal-Missjonijiet*. Illum se nirrakkontalkom xi ħaġa fuq wieħed mill-missjunarji kbar tal-Knisja, San Franġisku Saverju. Franġisku twieled fi Spanja u kien tar-razza tal-Baski. F’żgħożitu ngħaqad ma’ Injazju ta’ Lojola li waqqaf il-kongregazzjoni tal-Ġiżwiti. Kienu ltaqgħu ma’ xulxin fl-Università ta’ Pariġi. Fil-jum tal-Assunta, Injazju u sitt studenti għamlu wegħda fil-knisja tal-martri fuq l-għolja Monmartre, li jkunu pellegrini. Wiegħdu li jiddedikaw ħajjithom kollha f’servizz għall-Knisja. Franġisku ried imur lejn l-Art Imqaddsa. Ma sabx vapur li joħroġ minn Venezja u għalhekk mar joffri s-servizzi tiegħu ġewwa l-belt ta’ Bolonja. Hawnhekk kien jipprietka fit-toroq, iżur il-morda u l-ħabsin u jitlob l-ikel lin-nies. Ir-re tal-Portugall ried li missjunarji Ġiżwiti jmorru l-Indja. Fis-7 t’April 1541 Franġisku ma’ oħrajn li kienu fuq ħames vapuri kbar ħarġu mill-port ta’ Lisbona u wara ħafna jiem waslu f’Goa, il-kapitali Portugiża fl-Orjent. Hemmhekk offrewlu li jmexxi seminarju imma hu ħassu msejjaħ għal affarijiet ogħla. Mar jaħdem fost sajjieda li kienu jgħoddsu għall-perli. Dawn is-sajjieda kienu qishom skjavi tan-negozjanti Misilmin. Kien ibati ħafna meta kien jara l-istess Portugiżi jaħqru lin-nies tal-post li jkunu saru Nsara. Darba minnhom kiteb lil Sant Injazju u talbu jibgħat missjunarji, “għax f’dawn l-inħawi n-nuqqas tal-ħaddiema huwa kbir”.



F’Jannar 1546 erħielha lejn Sumatra, Moro. Għadda minn post fejn in-nies kienu jivvelenaw lil min hu kontrihom. Lil Franġisku Saverju qalulu biex joqgħod attent. Huwa wieġeb li “l-fiduċja f’Alla hija l-aħjar mediċina kontra dal-velenu”.

Franġisku Saverju għamel żmien ukoll fil-Ġappun u kellu xewqa li jmur iħabbar il-Vanġelu fiċ-Ċina. Miet fit-3 ta’ Diċembru 1552. Darba bagħat ittra lil sħabu fl-Ewropa u qalilhom, “Kieku jafu x’konsolazzjonijiet jagħtina Alla fil-Ġappun, żgur li jħallu l-istudji tagħhom fl-Ewropa u jiġu hawn”. Ftit qabel miet iffissa għajnejh fuq il-kurċifiss. Meta miet kien akkumpanjat mill-ħabib tiegħu Antonio, li f’idejh żammlu xemgħa mixgħula.

Kien hemm wieħed Nisrani jismu Manoel, li għaxar snin wara li miet kien qiegħed jiddiskuti ma’ grupp ta’ Musulmani. Qalilhom, “Patri Franġisku għallimni li hija ħaġa sabiħa tmut għal Kristu”.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**LAQGĦA TA’ TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA’ DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 18 t’Ottubru, fis-5.45pm, fil-knisja Bażilika. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha l-Psikologu Dr Michael Galea ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta’ Dun Mikiel. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 19 t’Ottubru se torganizza dawra m’Għawdex bid-dgħajsa. It-tluq ikun fid-9:00am u niġu lura f’nofsinhar. Niltaqgħu quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali. Inġibu packed lunch magħna. Min hu interessat ikellem lil Tonina fuq 79923153 jew 21553041.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 20 t’Ottubru fil-grawnd tal-boċċi fi Triq Qortin (Torri ta’ Sopu). Jibda fil-5:30pm. Ejja int u ħajjar oħrajn.

**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI TAT-TFAL TAL-EWWEL TQARBINA U L-GRIŻMA:** nhar il-Ġimgħa 20 t’Ottubru fis-7:00pm, fis-Sala Parrokkjali. Il-kelliem se jkun Fr Krystof Buttigieg. Inħeġġu lill-ġenituri u kustodji kollha biex jattendu għal din il-laqgħa importanti fejn fiha jimtlew u jiġu ffirmati xi karti wkoll.

***3 Seasons*****:** tliet serati għaż-żgħażagħ Għawdxin li jgħixu Malta, organizzati mill-KDZG. Fihom se jiġu ttrattati temi importanti fuq l-għażliet tal-ħajja minn Fr Noel Debono. Ser ikunu t-Tnejn 23, it-Tlieta 24 u l-Erbgħa 25 t’Ottubru fiċ-Chaplaincy tal-Università, fit-8:00pm. Wara jkun hemm mument fratern flimkien u xi ikel.

**KATEKEŻI GĦAR-ROMOL U ĦBIEB TAGĦHOM** kull raba’ Tnejn tax-xahar. Il-laqgħat ser ikunu mmexxija minn Dun Ġużepp Attard u jkunu ta’ madwar 40 minuta. Fil-laqgħat se tingħata formazzjoni fuq persunaġġi mill-Iskrittura Mqaddsa. L-ewwel laqgħa tkun **nhar it-Tnejn 23 t’Ottubru** fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakiela Camilleri u tibda fis-6:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am